**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 1 ta' Novembru, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**-vs-**

**Winslow Agius, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 135783M**

Kumpilazzjoni Nru. 12/2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Winslow Agius talli:[1]

1. Nhar it-30 ta' Ottubru, 2014, għall-habta ta' bejn it-3:00am u l-4:00am ġewwa Triq il-Buttar, Marsaskala, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobli u ċjoè ħsara fuq vettura tat-tip Ford Ka bin-numru tar-reġistrazzjoni GAU 082 liema ħsarat kienu ta' aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250) izda anqas minn elfejn u hames mitt Euro (€2500), għad-detriment ta' Edet Emmanuel Ibok u/jew persuna/i oħra, u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobli u ċjoè ħsara fuq vettura tat-tip Ford Focus bin-numru tar-reġistrazzjoni SKR 123 liema ħsarat kienu ta'aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250) izda anqas minn elfejn u hames mitt Euro (€2500), għad-

[1] Akkuzi godda prezentati nhar l-24 ta' Marzu, 2014; fol. 7 et seq.

detriment ta' Carmelo Camilleri, u/jew persuna/i oħra, u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-artikoli 338(1)(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti intalbet toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti intalbet sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat jinsab akkuzat bi hsara volontarja fuq vetturi li jappartjenu lil certu Edet Emmanuel Ibok u lil Carmelo Camilleri liema hsara twettqet sbieh it-30 t'Ottubru, 2014, gewwa Marsaskala.

Illi l-Ispettur Mark Mercieca, li fi zmien li sehh l-incident kien ghadu surgent stazzjonat l-ghassa ta' Marsascala, xehed u kkonferma r-rapport tieghu[2] fejn dan jaghti dettal akkurat ta' kif inbdiet l-investigazzjoni u cioe' bir-rapport maghmul mill-imputat stess.[3] Mercieca rraporta kif ghal habta tat-3.45am tat-30 ta' Ottubru, 2014, kien dahal l-ghassa ta' Marsaskala u rraporta li ragel ta' karnaggjon skur kien beda jdoqq il-horn u meta hareg isikktu dan hareg mill-vettura, hareg il-*jack* u beda jaghti daqqiet fuq il-vettura ta' Agius kif ukoll fuq

---

[2] 42-47
[3] Fol.40-41

vettura Ford Focus li rrizulta kienet ta’ certu Carmelo Camilleri. Il-vetturi garrbu hsarat fuq il-windscreen u ghafisi fuq il-biebien. L-imputat kien ammetta li hu tefa’ bicciet tal-irham fid-direzzjoni ta’ din il-persuna izda ma kienx jaf laqatx xi vettura. Minn investigazzjonijiet ulterjuri giet rintraccata din il-persuna, Edet Ibok, li qal li hu kien qed idoqq il-horn biex jigbed l-attenzjoni tat-tfajla tieghu izda harget persuna li bdiet toffendieh u tefghatlu xi gebel jew irham u laqtet il-vettura tieghu. Insista li qatt ma ghamel hsarat b’xi *jack* lill vetturi u li kienet din il-persuna l-ohra (l-imputat) li ghamel il-hsara fuq il-vetturi kemm tieghu kif ukoll dik li rrizultat kienet ta’ Camilleri.[4]

L-Ispettur Said Sarreo li kompla bl-investigazzjonijiet xehed kif fl-istqarrija li ttiehdietlu Winslow *“ammetta li kellu xi gebel u xi affarijiet minn fuq il-gallarija u waddabhomlu ghal fuq il-karozza tieghu....ammetta li huwa ghamel hsara fuq il-vettura ta’ Emanuel Ibok Edet meta waddab l-affarijiet izda nnega li ghamel xi hsara fuq vettura ohra u qal li l-hsara li saret fuq il-vettura tieghu u fuq il-vettura tas-Sinjur Carmel Mercieca (recte Camilleri) saret minn Emanuel Ibok Edet”.*[5] L-ispettur ikkonferma li meta kellmu lill-girien hadd ma ra x’kien sehh. L-ispettur jixhed li meta Ibok gie mistoqsi ghaliex ma ghamilx rapport lill-pulizija dwar l-akkadut, dan qallu li minhabba li kien *football player* u ma rridx li tithammeg il-karriera tieghu mal-club kien lest isofri l-hsarat minghajr ebda rizarciment u ma riedx li jittiehdu passi.[6]

Il-Qorti kienet tistenna li kemm it-tfajla ta’ Ibok, Bukala Mbong, li giet mitkellma mill-pulzija[7] titella bhala xhud. L-istess jinghad ghall-persuna li jsemmi l-imputat, fl-istqarrija tieghu fejn jghid li kien hemm il-garr tieghu li joqghod f’dar li jiddentifika, li wkoll kien xhud ta’ dak li sehh. Minn tal-inqas kellha titella bhala xhud il-partner tal-imputat Amanda Debono li ghalkemm l-ispettur jghid li ser tkun xhud din fil-fatt ma tat l-ebda deposizzjoni quddiem din il-Qorti u lanqas giet mitkellma mill-Pulizija!

Fl-istqarrija tieghu esebita fl-atti[8] Agius jaghti rendikont dettaljat ta kif sehhew il-fatti. Kien wara li sema lil Ibok jghid lit-tfajla tieghu sabiex terga tidhol gewwa, wara li harget issiktu u biex ma tindahalx, li hu rega’ hareg fil-gallarija fejn anke jghid li prova jcempel lill-pulizija. Jghid li Ibok qallu sabiex jinzel ikellmu u hareg *jack* u beda jaghti fuq il-karozza tieghu. *“Wara ftit sekondi dan tela fil-karozza tieghu, saq bicca zghira, tefa id-dawl tal-karozza tieghu, rega hareg mill-karozza bil-gakk f’idu u rega’ faqa windscreen ta’karozza ohra li kienet ipparkjata ftit metri*

[4] Fol.45-46
[5] Fol.28 et seq
[6] Fol.30
[7] Vide fol.46
[8] Fol.33-34

*ohra l-fuq. Rega dahal fil-karozza u baqa sejjer.Dak il-hin jien iddecidejt li ninzel l-ghassa sabiex naghmel rapport......Irrid nghid li jien waddabt bicctejn granit u bicca njama li gew fuq il-karozza tieghu...Naf li lqatlu il-karozza iktar minn darba izda ma naf xi hsara ghailtlu ghax qatt ma nzilt isfel. Inzilt isfel biss xhin telaq."*[9]

Illi Ibok xehed li kien f'argument mat-tfajla meta din qabdet u harget mill-vettura tieghu u telghet gewwa darha (li mir-rapport jirrizulta l-indirizz li hu tal-istess blokka fejn jghix l-imputat[10]). *"Yes we were having an argment in the car and we have not finished discussing and she left the car and went upstairs back to her flat, and I was pressing the horn of my car for her to come outside so that we can finish talking, so the horn of my car was violent because it was late in the morning .....somebody came from the balcony of the house, he was speaking Maltese...but before I came out of the car something landed on my car throw something landed on my car."* Jghid li l-ewwel reazzjoni tieghu kienet li jcempel ghall-pulizija izda ma ghamilx dan minhabba li jilghab ma Naxxar Football Club u ma riedx li dawn isiru jafu b'dak li gara u jahsbu li kien persuna vjolenti. Kien ghalhekk li qabad u telaq. Jinsisti li hu qatt ma kisser xi vettura bil-*jack.*

Illi ghalhekk mid-deposizzjoni tieghu Ibok juri li kien agitat u rrabjat. Kien dan li wasslu jdoqq il-horn b'tant persistenza fil-hemda tal-lejl tant li dejjaq lill-imputat li kif ammetta kien ilu jissaporti l-istorbju li kien qed jikkawza Ibok u kien qabad u tefalu oggetti li jirrizulta laqtu l-vettura ta' Ibok. Ma jifdal ebda dubbju tenut kont tal-ammissjoni tal-imputat li hu kien tefa' oggetti iebsin versu Ibok. Dan wasal sabiex il-vettura misjuqa minn Ibok, iggarrab hsarat li skond ix-xhieda ta' Joe Gusti kienet tlahhaq €601.80.[11] Minn xhieda ta' Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Transport Malta, jirrizulta li l-vettura misjuqa minn Ibok kienet registrata fuq Dionisio Drago.[12] Illi t-tielet imputazzjoni ukoll giet soddisfacentement pruvata.

Illi filwaqt li tirrizulta ampjament ippruvata l-ewwel akkuza, ma jistax jinghad l-istess dwar it-tieni imputazzjoni minhabba verzjonijiet konfliggenti. Kien ghalhekk li kellhom jittelghu x-xhieda msemmija aktar l-fuq. Ma jridx jintnesa li l-vetturi lahqu gew spustati u ghalhekk ma ebda evidenza jew skizz dwar fejn kienu parkeggjati u jekk setghax kien l-imputat li laqghet anke l-vettura ta' Camilleri meta kien qed jimmira lejn Ibok. Ghalhekk l-imputat qed jigi liberat mit-tieni imputazzjoni. Lanqas ma ngabet prova li l-imputat hu recidiv skond ir-raba akkuza.

[9] Fol.34
[10] Vide fol. 46
[11] Fol.52-53. Stima tal-hsarat a fol.38
[12] Fol.60 et seq. Vide ukoll Dok. SC a fol.62

Illi fir-rigward tal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 325(1)(b) u 338(1)(dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ssib lill-imputat hati fuq l-ewwel u t-tielet imputazzjoni, tilliberah mit-tieni u r-raba tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fuq mankanza ta' provi, u tikkudannah disa (9) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghdin jigu sospizi ghal sena millum.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**